**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 13 ta' Marzu, 2023**

**Rikors Numru 101/20**

**Wara deċiżjoni mogħtija l-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-proċeduri quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera bin-numru 31/2019 Maġistrat Dr. Monica Vella fl-ismijiet:**

**Martin Storasen u Disa Stigh**

**Vs**

**Audrienne Spiteri-Gonzi**

Il-Bord,

Ra r-rikors imressaq minn **Audrienne Spiteri-Gonzi** fis-26 ta' Ġunju, 2020, li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:

*1. Introduzzjoni*

*Illi permezz ta' dan il-preżenti rikors, l-esponent sejra titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġboha tħassar id-deċiżjoni mogħtija nhar l-Erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u dana ai termini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 u dana stante li kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem, jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi permezz ta' sentenza deċiża mill-Bord li Jirrekola l-Kera nhar l-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kien ġie deċiż is-segwenti:*

*Li l-esponent tħallas lura lir-rikorrent l-ammont totali ta' Eur3,200 rappreżentanti ta' depositu marbut ma' kuntratt ta' kiri ta' lokazzjoni.*

*2. Talba għal Ritrattazzjoni*

*Illi fil-proċeduri quddiem dan il-Bord l-esponent ma ngħatatx smigħ xieraq u fil-fatt saret taf b'kumbinazzjoni li ngħatat is-sentenza;*

*Illi lanqas ma l-esponent ġiet notifikata la bir-rikors promutur u lanqas bl-avviż tas-smigħ u għalhekk ma setgħetx tidher fil-kawża u lanqas tiddefendi d-drittijiet tagħha;*

*Illi l-aggravju tal-esponent huwa wieħed ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi ma nstabet qatt l-ebda notifika permezz ta' affissjoni mar-residenza tagħha u lanqas ma nstabu avviżi fl-Għassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali tas-Sliema a tenur tal-Art 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

*Fl-artikolu 811(b) tal-Kap 12 il-Qorti ssemmi li waħda mill-partijiet li jkollha interess tista' titlob li kawża tiġi ritrattata wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza:*
*"jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-partijiet telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża",*

*Din it-talba ssir b'rikors ġuramentat a tenur tal-Artikolu 815. Skont l-Artikolu 816 fir-rikors ġuramentat l-attur għandu jsemmi wieħed mill-kapi tas-sentenza li jrid jattakka għar-ritrattazzjoni skont l-artikolu 811 u d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jgħoddu għal dawk ir-raġunijiet kif ukoll ikun hemm spjega ta' fatti biex joħorġu r-raġunijiet. Dan iwassal l-obbligu ta' rikorrenti li jippreżenta rikors ġuramentat jekk ikun qed jitlob it-tħassir ta' sentenza li jindika r-raġunijiet tar-ritrattazzjoni.*

*Fl-artikolu 187 (1) jingħad kif issir notifika:*
*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha ........".*

*Fis-subartikolu 3 isemmi li hekk id-dħul fil-post tar-residenza ta' persuna ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf il-Qorti tista' tordna n-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni;*

*Il-liġi tal-proċedura hija ta' ordni pubblika - Vol XVII p1 p 879: Il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubblika u kwindi għandha tiġi "osservata alla lettera e non per equipollens";*

*Ir-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' orfni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati ad ungeum (ara Qorti tal-Appell 14.06.2001, Maltacom Plc vs Carmel u Mary Doris Muscat);*

*L-interpretazzjoni korretta ta' dan kollu, inkluż proċedura li ilha tintuża għal tant snin hi li wara li jkun hemm riferta negattiva jkun hemm attentat ta' notifika wara l-ħinijiet legali u f'każ ta' eżitu negattiv issir applikazzjoni tan-notifika permezz tal-proċeduta tal-affissjoni u pubblikazzjoni;*

*Illi l-esponent tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza deċiża fl-4 ta' Novembru, 2009 Ċitazzjoni Numru 161/2007 Alfred Meli u Grace Meli vs. Anton Meilak u Dr Maria Meilak;*
*"wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-posizzjoni tal-konjugi Meli li f'daqqa waħda sabu lilhom infushom żvestiti mill-art de quo wara li minħabba li ma qrawx jew ma ndunawx bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali. Wara kollox ftit huma n-nies li joqogħdu ta' kuljum jaraw dan it-tip ta' avviżi".*

*Il-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta lokali hija proċedura straordinarja u għandha ssir b'kawtela kbira għaliex jekk ma ssirx kif suppost tkun qiegħda timpinġi fuq id-dritt ta' fair hearing.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Francis sive Frank Fenech vs Raymond Mallia noe (PA 28/4/2003) il-Qorti rriteniet illi: "Tajjeb li jiġi hawn osservat illi una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konduċenti għan-notifika tal-att bl-affissjoni, imbagħad, jinkombi li l-formalita' sħiħa tad-dispost tal-liġi msemmi tiġi segwita u eżegwita. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-liġi fl-istat attwali tagħha minn dak li kien preċedentement qabel l-emendi introdott għall-Kodiċi bl-AP XXIV tal-1995..."*

*Illi l-konsorzju esponent huwa tal-fehma konvinta li jissussistu l-esterni rikjesti fil-liġi sabiex tintalab it-tħassir tad-deċiżjoni impunjata;*

*Illi huwa għalhekk aktar minn evidenti illi n-notifiki kollha tal-att proċesswali ma nstabux u għalhekk il-vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali "audi alteram partem".*

*Illi l-esponent għalhekk ma ġiex notifikat kif suppost u teżisti raġuni suffiċjenti biex jintalab ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Talba*

*Għaldaqstant, l-esponent filwaqt li tirriserva d-dritt li tressaq sottomissjonijiet ulterjuri umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u neċessarja:*

*(1) Tiddikjara u tiddeċiedi li a bażi tal-premess jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont il-liġi a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(2) Tħassar u tannulla s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li ġiet deċiża 4 ta' Diċembru 2019 fil-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera bin-numru 31/2019 Maġistrat Dr. Monica Vella;*

*(3) Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fil-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera bin-numru 31/2019 b'dana li l-kawża mismugħa mill-ġdid fil-meritu, f'data li jogħġobha tiddestina dina l-Onorabbli Qorti għal dan il-għan, biex b'hekk ir-rikorrenti jkun jista' jħares id-drittijiet skont il-liġi.*

Ra r-risposta ta' **Martin Storasen u Disa Stigh** ippreżentata fit-12 ta' Ottubru, 2020, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponent ritrattat jeċċepixxi bir-rispett in-nullita' tal-att ġudizzjarju li permezz tiegħu r-ritrattand fetħet dawn il-proċeduri għar-ritrattazzjoni tas-sentenza in kwistjoni u ċioe il-kawża fl-ismijiet Storasen et vs Spiteri-Gonzi bin-numru ta' riferenza 31/2019 deċiża fl-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u dan ai termini tal-artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe li l-att imsemmi huwa nieqes minn partikolarita essenzjali espressament meħtieġa mill-liġi, in kwantu ma jirrispekkjax id-dettami proċedurali imposti:*

    a. *Mill-Artikolu 815 tal-istess Kap. 12 li jirrikjedi li "it-talba ta' ritrattazzjoni, f'qorti tal-ewwel grad, għandha <u>issir b'rikors ġuramentat</u>[1].";*
    b. *Mill-Artikolu 156(1)(a) tal-istess Kap. 12 li rikors ġuramentat jkun fih "dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u <u>jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment</u>[2]"; u*
    c. *Mill-Artikolu 156(1)(d) tal-istess Kap. 12 li jirrikjedi li "f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

        *"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioe minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti id-deċiżjoni skont il-liġi."*

    *Illi għar-raġunijiet premissi l-att ġudizzjarju ntavolat mir-ritrattand Audrienne Spiteri-Gonzi għandu jiġi dikjarat null u bla effett;*

2. *Illi fit-tieni lok, in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suċċċepit, ir-ritrattati jeċċepixxu n-nullita' tar-rikors promotur intavolat mir-ritrattand, stante li r-ritrattat Martin Storasen ġie notifikat bl-istess rikors bil-lingwa Maltija, liema lingwa, kif taf ben tajjeb ir-rittrattand, ir-ritrattati ma jifhmuhiex, ma jaqrawhiex u ma jiktbuhiex - stante li huma stranjieri - u mhux ukoll bil-lingwa Ingliża kif meħtieġ a tenur tal artikolu 5(2) tal-Kapitolu 189 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suċċċepit, fit-tielet lok u fil-mertu, it-talbiet tar-ritrattand huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma teżisti ebda raġuni valida sabiex l-kawża in kwistjoni tiġi ritrattata ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu*

---

[1] Enfasi mizjuda
[2] Enfasi mizjuda

*811(b) ċitat mir-ritrattand, u dan minħabba l-fatt illi ir-ritrattand ġiet debitament notifikata validament u skond il-formalitajiet rikjesti mil-Liġi ai termini tal-proċedura stipulata f'artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (kif mixħud mir-riferti u l-pubblikazzjonijiet rispettivi, kopja ta' liema qed jiġu hawn annessi w immarkati bħala "Dok. A"), u dan wara li l-esponenti ritrattati ġew debitament awtorizzati sabiex jagħmlu dan minn dan l-Onorabbli Bord, kif diversament presjedut, u speċifikament permezz ta' digriet datat l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) (vide "Dok. B");*

4. *Illi r-ritrattati jafu personalment b'dawn il-fatti kollha personalment*

5. *Illi ġjaladarba jiġu akkolti dawn l-eċċezzjonijiet, allura mbagħad l-ispejjeż kollha relatati mal-proċedura odjerna għandhom jiġu sopportati interament mill-attriċi.*

Ra illi permezz tar-rikors promutur ir-rikorrenti ressqet talba għat-tħassir ta' sentenza ta' dan il-Bord datata 4 ta' Diċembru, 2019, u dana sabiex issir trattazjoni mill-ġdid tal-kawża bin-numru 31/2019;

Ra illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati eċċepew illi l-att ġudizzjarju li permezz tiegħu r-rikorrenti fetħet dawn il-proċeduri huwa null stante li ma ġiex ġuramentat, u kif ukoll għandu nieqsa għadd ta' rekwiżiti oħra li jsawwru rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

In vista ta' din l-ewwel eċċezzjoni, fid-19 ta' Ottubru, 2020, ir-rikorrenti intavolat rikors ġuramentat fejn talbet lil dan il-Bord jogħġbu jordna s-sostituzzjoni tar-rikors promutur ippreżentat fis-26 ta' Ġunju, 2020, b'rikors ġuramentat li ġie anness mal-istess rikors;

Illi fis-26 ta' Ottubru, 2020, l-intimati irrispondew għar-rikors intavolat fid-19 ta' Ottubru, 2020, fejn opponew is-sotituzzjoni mitluba għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

Ra d-digriet Tiegħu tad-29 ta' Ottubru, 2020, li permezz tiegħu awtorizza lir-rikorrenti tippreżenta rikors ġuramentat li jissodisfa l-kriterji kollha tal-liġi.

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2021, in vista tad-digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru, 2020, l-intimati irtiraw l-ewwel żewġ eċċezzjnijiet tagħhom, pero talbu li jippreżentaw eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt tagħha li tintavola dawn il-proċeduri;

Ra illi fl-istess seduta l-intimati ngħataw permess jintavolaw l-eċċezzjoni ulterjuri, liema eċċezzjoni ġiet intavolata fid-29 ta' Jannar, 2021, u li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:-

*Illi permezz tal-fakolta mogħtiha lilhom minn dan l-Onorabbli Bord waqt is-seduta ta' nhar id-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-esponenti ser jgħaddu sabiex iressqu eċċezzjoni ulterjuri għat-talbiet tar-ritrattand, Audrienne Spiteri-Gonzi;*

*Illi, in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit fir-risposta tagħhom, ir-ritrattati jeċċepixxu illi l-azzjoni tar-ritrattand Audrienne Spiteri-Gonzi, sa fejn hija msejjsa fuq l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija milquta bid-dekors tat-tliet (3) xhur li jibdew jgħoddu mill-ġurnata li fiha r-ritrattand tkun ġiet taf bis-sentenza - u dan ai termini tal-artikolu 818(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għal kull buon fini qed jiġi ssottolineat il-fatt illi r-rikors promotur difettuż ġie ppreżentat mir-ritrattand nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u jirrikonoxxi li sa minn tal-anqas d-data tal-preżentata, r-ritrattand "fil-fatt saret taf b'kumbinazzjoni li ngħatat is-sentenza", u l-istess rikors promotur ġie formalment sostitwit permezz tar-rikors ġuramentat appożitu biss fid-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), u għaldaqstant l-azzjoni mressqa mir-ritrattand hija kjarament milquta bid-dekadenza ta' tlett (3) xhur, liema perjodu ma huwiex soġġett għas-sospenzjoni jew interuzzjoni permezz ta' atti ġudizzjarju.*

Ra illi permezz ta' sentenza datata 14 ta' Settembru, 2021, din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda;

Ra illi r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirriżulta illi l-kontestazzjoni prinċipali tagħha hija li n-notifika tar-rikors promutur Numru 31/2019 ma saritx kif suppost għaliex l-affissjoni ma' saritx fuq il-bieb tar-residenza tagħha u *per di piu`* ma saret ebda affissjoni fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema.

Għaldaqstant, permezz tal-proċeduri preżenti r-rikorrenti qiegħda titlob lil dan il-Bord:

1. Jiddikjara li jeżistu raġunijiet biżżejjed għal ritrattazzjoni skont l-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Iħassar u jannulla sentenza tiegħu deċiża fl-4 ta' Diċembru 2019;

3. Jordna r-ritratazzjoni tal-kawża deċiża fl-4 ta' Diċembru, 2019, sabiex l-istess kawża tiġi mismugħa mill-ġdid fil-mertu.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija tabita fil-fond 69, Triq Stella Maris, Sliema. Spjegat li dan il-fond jikkonsisti f'dar waħda, b'żewġ entraturi separati. Spjegat li entratura minnhom, u ċioe` fejn hemm il-kaxxa postali u n-numru mal-bieb, hja l-entratura residenzjali, filwaqt li l-entratura l-oħra kienet ta' ditta privata li kienet tikri parti mill-fond mingħandha. Xehdet illi dawn il-kerrejja qalulha li qatt ma sabu xejn imwaħħal mal-bieb tal-uffiċċju li jikru huma. Hija esebiet ukoll żewġ ritratti li juru ż-żewġ entraturi li għamlet referenza għalihom fix-xhieda tagħha.

**Il-Marixxal John Francica** xehed illi huwa kien l-uffiċjal inkarigat mill-affisjoni tal-proċeduri li kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti. Spjega li fiż-żmien tal-affissjoni, il-bieb tal-entratura preżenti tar-rikorrenti kien mingħajr numru mentri l-bieb tal-entratura adjaċenti kien bin-numru u għaldaqstant huwa waħħal l-atti li kellhom jiġu notifikati fejn kien hemm in-numru. Dwar dak li xehed huwa esebixxa tliet ritratti. Wieħed minn dawn ir-ritratti, u ċioe` Dokument JF2 a fol. 121 juri l-bieb tal-entratura tar-rikorrenti mingħajr numru pero` b'*intercom* installat. Dan ir-ritratt ittieħed minn fuq *Google maps*. Spjega li huwa waħħal l-atti ġudizzjarji mal-bieb fejn kien hemm in-numru permezz tat-*tape*. Fir-rigward tan-notifika fl-Għassa ta' Tas-Sliema, huwa spjega li l-atti ġudizzjarji waħħalhom man-*notice board* tal-Għassa. Fir-rigward tal-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, ix-xhud xehed li huwa ma waħħalx l-atti hu, pero` kien ħalla l-atti ġudizzjarji f'idejn uffiċjal tal-istess Kunsill.

**In kontro-eżami r-rikorrenti** xehdet illi r-ritratt JF2 li ppreżenta l-Marixxal u li ttieħed mill-Google Map ma kienx tal-2019 iżda kien ta' xi perjodu fl-2015/2016.

**PC 2439 Kurt Mifsud** xehed illi huwa kien ilu stazzjonat l-Għassa ta' Tas-Sliema minn ċirka Marzu tal-2021 u jiftakar li għall-ħabta tal-aħħar tas-sena 2021 kienet marret ir-rikorrenti tfittex xi karti man-*notice board* u ma setgħetx issibhom.

**Stephanie Davies**, *Assistant Manager* ta' Henley Estates Malta Ltd, xehdet illi klijent tal-Kumpanija kien kera proprjeta` li tinsab f'numru

69, Stella Maris Street, Sliema minn Novemberu, 2016, sa Novembru, 2021. Spjegat li dan il-klijent kien inkariga lill-Kumpanija sabiex tieħu ħsieb l-istess proprjeta`, inkluż il-ġbir tal-posta. Spjegat li fis-17 ta' April, 2020, ir-rikorrenti kienet bagħtitlha emejl fejn staqsietha jekk il-Kumpanija kinitx ġabret xi atti ġudizzjarji fil-perjodu bejn Mejju u Ġunju 2019. Ix-xhud weġbitha li l-fattiga kienet tiġbor il-posta kollha mill-fond in kwistjoni u toħodha ġewwa l-uffiċju tal-Kumpanija, indipendentement minn lejn min tkun indirizzata l-istess posta. Spjegat li wara li l-Kumpanija tirċievi l-posta, l-istess posta tiġi ndirizzata lid-destinatarju tagħha. L-istess xhud spjegat li kienu ċċekkjaw il-fajls tagħhom u ma rriżulta li kien hemm ebda korrispendenza li kienet indirizzata lir-rikorrenti fil-perjodu in kwistjoni.

**Anthony Attard**, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, xehed illi l-atti ġudizzjarji li jiġu riċevuti fil-Kunsill jitwaħħlu ma' *notice board* li hemm fid-daħla tal-Kunsill minn impjegat tal-istess Kunsill. Spjega wkoll illi l-atti ġudizzjarji jiġu *filed* skont id-data li jaslu għand il-Kunsill pero` l-atti ġudizzjarji in kwistjoni ma nstabux fil-fajls tal-Kunsill. Xehed ukoll illi bħala tfittxija marru lura sal-2018 biex ikunu *safe.*

**Ikkunsidra:**

Il-Bord jibda biex jissenjala illi r-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati *ad unguem*.[3] Għaldaqstant kwalunkwe difett f'notifika ta' att ġudizzjarju li jwassal għal sentenza finali jista' jiġi sollevat, fiż-żmien maħsub fil-liġi, sabiex l-istess notifika tiġi dikjarata nulla u bla effett u l-kawża tinstema' mill-ġdid. Dan huwa dak li jaħseb għalih artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe`:

*811. Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(a) …*

---

[3] ara ***Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat*** deċiza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Gunju 2001

*(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġietinnotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*

Illi l-intimati jeċċepixxu li ma teżisti ebda raġuni valida bħal dik elenkata hawn fuq sabiex il-kawża tiġi trattata mill-ġdid u dana għaliex il-proċedura tan-notifika lir-rikorrenti tar-rikors numru 31/2019 ġiet segwita skont il-liġi.

Illi l-Bord jibda biex jikkwota l-osservazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Leonard Muscat et –vs- Onorevoli Prim'Ministru,*** deċiża fil-31 ta' Lulju 2000: *"L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' reviżjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jiġu rettifikati ċerti żbalji speċifikati u evidenti f'ġudikati u b'hekk tiġi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb ġustizzja sostanzjali għall-partijiet."* Ġie pero` aġġunt illi *"l-liġi tirrestrinġi dan ir-rimedju għal ċerti raġunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-liġi. Inoltre l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' l-istess rimedju li wieħed hu mistenni li josservahom skrupolożament."* Huwa proprju għalhekk li dan l-istitut huwa meqjus bħala rimedju straordinarju (Vol XXV pI p137) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol XXVII pI p818).

Illi għalhekk dak li dan il-Bord irid jeżamina huwa jekk il-proċedura tan-notifika ġietx segwita kif suppost u jekk isib li kien hemm nuqqas allura jiddikjara li l-proċedura tan-notifika kienet waħda monka u jordna t-trattazzjoni mill-ġdid tar-rikors numru 31/2019.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikors promutur tal-kawża numru 31/2019 ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u dan kif awtorizzat minn dan il-Bord, diversament presjedut, permezz ta' digriet data 14 ta' Mejju, 2019.[4]

Illi skont Dokument A esebit a fol. 17 u 18 jirriżulta illi l-affissjoni saret lil Audrienne Spiteri-Gonzi fil-fond 69, Stella Maris Street, Sliema fis-27 ta' Mejju 2019, u fl-istess ġurnata saret l-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema u fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Jirriżulta wkoll

[4] Dokument B a fol. 22

illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fit-18 ta' Ġunju, 2019, u f'gazzetta lokali fit-28 ta' Ġunju, 2019.

Illi fir-rigward tal-materja tan-notifika bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni ta' att ġudizzjarju, l-istess proċedura trid tiġi segwita rigorożament. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fid-deċiżoni ***Three Barrels Ltd. v. Schembri et***, deċiża fit-13 ta' Lulju, 2001, *"Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jiġi assigurat in-notifika ta' att bil-proċedura hekk imsejjħa "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".*

*(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwaħħal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali;*

*(b) illi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta;*

*(c) illi l-iskrittura jew att jinħarġu f'ġurnal ta' kuljum, wieħed jew aktar minn wieħed, skond kif il-Qorti tiddeċiedi.*

*Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jinġiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jiġu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konġuntiv "u" għandu jingħata l-piż sħiħ tiegħu. Ma' dawn it-tlett rekwiżiti għan-notifika valida permezz ta' din il-proċedura kellu jiżdied rekwiżit ieħor, ukoll meħtieġ ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun magħruf", illi titwaħħal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jiġix provat illi jkun sar dak li l-liġi tesiġi bħala minimu għal notifika valida fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-liġi."*

Illi kif intqal fid-deċiżjoni **Frances Bergedahl vs Francis Formosa** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju, 2011, *"Wieħed irid ifakkar ukoll li l-ġurament tal-konvenut, f'dan il-każ, mhux kontrollabbli u hu differenti minn ġurament dwar meritu li huwa kontrollabbli mill-parti l-oħra li jista' jressaq provi kuntrarji. F'dan il-każ jekk il-konvenut jgħid li ma sabx l-att mal-bieb, m'hemmx x'tagħmel, la mill-parti l-oħra u lanqas mill-Qorti, għax ma tistax tikkontradixxi dik l-istqarrija. Huwa minħabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-liġi timponi test oġġettiv: jekk ġew esegwiti l-proċeduri li trid il-liġi, allura n-notifika saret."*

Din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Pace vs Makaw Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar, 2003, fejn intqal is-segwenti:-

*Illi, madankollu, fil-fatt ix-xilja tal-attur hija iżjed minn waħda dwar nuqqas ta' twettiq proċedurali: fil-fatt hija xilja li dak li juru l-atti tal-kawża li tagħha qiegħed issa jitlob is-smigħ mill-ġdid m'huwiex minnu. Dan ifisser li l-prova li jmissha tinġieb biex ixxejjen dak li jidher bħala fatt f'att ġudizzjarju għandha tkun prova qawwija u mhux sempliċi konġettura jew suppożizzjoni li tixħet dubju. Il-gravita' tal-implikazzjoni ta' dak li qiegħed jallega l-attur kienet, x'aktarx, tinħtieġ it-teħid minnu ta' proċedura speċifika maħsuba biex issir dikjarazzjoni li r-riferta hija falza. Dan jingħad għaliex sakemm riferta ta' uffiċjal tal-Qorti ma tidhirx b'mod ċar li hija milquta b'xi żball, għandha titqies li hija xhieda ta' dak li tgħid u li din il-preżunzjoni hija juris et de jure.*

Illi l-Bord għandu quddiemu riferta ta' Marixxal tal-Qorti li ddikjara bil-ġurament quddiemu li huwa għamel in-notifiki skont kif jidher fuq l-istess riferti. Illi min-naħa l-oħra r-rikorrenti qed tisħaq li l-istess Marixxall ma waħħalx l-atti ġudizzjarji mal-bieb tar-residenza tagħha, u wisq inqas għamel l-affissjoni fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema u l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. .

Illi l-Bord ħa jibda biex jeżamina jekk l-affisjoni li saret fil-fond 69, Triq Stella Maris, Sliema saritx b'mod ritwali. Illi kif spjega l-Marixxal Francica, huwa waħħal l-atti ġudizzjarji ma' l-uniku bieb li fuqu kien hemm in-numru 69 fl-istess triq. Illi r-rikorrenti spjegat li l-bieb li ipotetikament twaħħlu miegħu l-atti ġudizzjarji kien bieb ta' uffiċju li hija tikri lil soċjeta` kummerċjali. Illi mix-xhieda ta' Stephanie Davies jirriżulta li dan l-uffiċju ma jkunx miftuħ b'mod regolari għax fil-fatt kienet il-fattiga li tiġbor il-posta. Illi dan il-Bord ma jirriżultalux illi mal-bieb tar-residenza tar-rikorrenti kien hemm in-numru 69 imwaħħal fil-mument li saret l-affissjoni u għalhekk il-Marixxal kien korrett jekk waħħal l-atti ġudizzjarji fuq il-bieb indikat bl-imsemmi numru.

Illi pero`, il-kwistjoni tmur lil hinn minn hekk. Ir-rikorrenti issostni li lanqas ma' dan il-bieb li huwa tal-uffiċju mikri lil terzi ma ġew imwaħħlin l-atti. Prova ta' dan hija pproduċiet affidavit ta' uffiċjal ta' Henley Estates Malta Ltd., liema Kumpanija toffri servizzi varji lill-klijenti tagħha fosthom li tipprovdi servizz ta' tindif lill-Kumpaniji,

komunikazzjoni mas-sidien tal-fondi mikrija u wkoll iżżomm il-klijenti aġġornati ma' *updates* da parti tal-Aġenzija Komunita` Malta. Illi l-uffiċjal ta' Henley Estate Malta Ltd. xehdet illi huma qatt ma ġew fil-pussess ta' xi korrispondenza indirizzata lir-rikorrenti fil-perjodu bejn Mejju u Ġunju, 2019, liema korrispondenza kienet tgħaddi għandhom tramite l-fattiga li kienet tmur tnaddaf il-fond.

Illi bir-rispett kollu, fil-fehma tal-Bord din ma tistax tammonta għal prova sodisfaċenti illi l-atti ġudizzjarji ma ġewx imwaħħla mal-bieb in kwistjoni. Illi kif diġa ngħad iktar 'il fuq, jirriżulta illi dan l-uffiċju ma kienx wieħed li minnu ssir xi attivita ta' kuljum u l-posta kienet tinġabar mill-fattiga meta din tmur tnaddaf. Illi l-Bord ma jistax joqgħod fuq dak li xehdet l-uffiċjal ta' Henley Estates Malta Ltd. għaliex l-ewwel u qabel kollox ma kinitx hi li tiġbor il-posta imma l-fattiga u fit-tieni lok *semmai* kienet il-fattiga li riedet tikkonferma jekk xi darba sabitx jew le xi atti mwaħħlin mal-bieb. Illi għaldaqstant il-Bord jikkonkludi illi se jagħti affidibilita` lir-riferta li tinsab fil-proċess u dak li xehed il-Marixxal Francica f'dawn il-proċeduri dwar l-affissjoni mal-bieb tar-residenza tar-rikorrenti.

Illi jibqa' għalhekk li tiġi eżaminata jekk saritx l-affissjoni fl-Għassa ta' Tas-Sliema u fil-Kunsill Lokali. Illi r-rikorrenti pproduċiet bħala xhud lil PS 2439 li huwa stazzjonat l-Għassa ta' Tas-Sliema, li pero` ma kienx stazzjonat fl-istess Għassa fil-ġurnata li saret l-affissjoni. PS 2439 daħal biss fix-xena għaliex meta r-rikorrenti marret ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema huwa nzerta kien *on duty* u r-rikorrenti talbet għall-għajnuna tiegħu biex ifittxilha l-atti ġudizzjarji li suppost saret l-affissjoni tagħhom, pero` huwa xehed li ma sabhomx. Mistoqsi meta kien li r-rikorrenti marret l-Għassa ta' Tas-Sliema huwa qal li kien lejn l-aħħar tal-2021. Mistoqsi meta ġie stazzjonat l-Għassa ta' Tas-Sliema huwa kkonferma li kien ġie hekk stazzjonat għall-ħabta ta' Marzu 2021. Kwindi l-Bord jirrileva illi l-istess Surġent ma jista' jitfa' l-ebda dawl fuq kif u meta saret l-affissjoni fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema peress li din saret f'Mejju 2019. Illi dan il-Bord ma jsib xejn stramb illi meta marret ir-rikorrenti tfittex l-atti ġudizzjari fuq in-*notice board* tal-Għassa ta' Tas-Sliema ma sabithomx hemm u dan in vista li kienu għaddew diversi xhur minn meta saret l-affissjoni. Kwindi dan il-Bord għal darb'oħra se jagħti affidibilita` għal dak mistqarr mill-Marixxal Francica meta sostna illi huwa għamel l-affissjoni tal-atti ġudizzjarji in kwistjoni ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema.

Jibqa' għalhekk li tiġi eżaminata l-kwistjoni jekk saritx l-affissjoni ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema. Illi dak li xehed il-Marixxal Francica u dak li xehed is-Segretarju Eżekuttiv jikkombaċaw in kwantu t-tnejn qalu li meta Marixxal imur b'atti ġudizzjarji għall-affissjoni dan iħallihom ma' uffiċjal tal-istess Kunsill li mbagħad da parti tiegħu iwaħħalhom man-*notice board* tal-Kunsill.

Illi l-Bord iqis li dan il-*modus operandi* ma jirriflettix dak li trid il-liġi. Illi fil-fehma tal-Bord il-proċedura tal-affissjoni trid tiġi eżegwita minn **uffiċjal tal-Qorti** u mhux minn uffiċjal ta' xi entita` oħra. Il-Bord iqis li għandu jkun l-uffiċjal tal-Qorti li fiżikament iwaħħal l-atti ġudizzjarji man-*notice board* kemm tal-Għassa tal-Pulizija u kif ukoll tal-Kunsill Lokali. Dan kuntrarjament għal dak li xehed li qiegħed jagħmel preżentement il-Marixxall Francica fejn testwalment qal kif qiegħed jagħmel l-affissjoni fl-Għases tal-Pulizija illum il-ġurnata ***"Fil-fatt illum il-ġurnata, nitlaqhomlhom fuq il-mejda u nitlaq. Għax huma, affissjoni, hemmhekk ikollhom proklami, ikollhom ħafna mhux tiegħi biss. Tal-Pulizija stess. Iġifieri, qed tifhem?"*** Lanqas ma hu regolari dak li qiegħed isir bl-affissjoni fil-Kunsilli Lokali. Illi dan il-Bord ma hux konxju jekk din il-prattika tiġix adoperata mill-Marixxalli kollha tal-Qorti. Illi dan m'għandux ikun u l-Amministrazzjoni tal-Qorti għandha tagħti direttivi ċari biex l-affissjoni ssir fiżikament mill-uffiċjali tagħha u jekk hemm bżonn tipprovdi *notice boards* fl-Għases u fil-Kunsilli Lokali ta' madwar Malta u Għawdex li magħhom għandhom jitwaħħlu l-atti ġudizzjarji. Fil-fehma tal-Bord dawn in-*notice boards* għandhom ikunu magħluqin u l-atti ġudizzjarji li jinqalgħu ikunu jistgħu jinqalgħu biss minn uffiċjal tal-Qorti u mhux min kull min jidhirlu biex forsi jagħmel post għal xi ħaġa oħra. Di piu` l-Marixxalli li jagħmlu l-affissjoni ta' atti ġudizzjarji, meta eventwalment jaqilgħu l-atti wara li jgħaddi perjodu ta' żmien sabiex jagħmlu spazju għal atti oħra, għandu jiġi rekordjat f'reġistru apposta meta dawn ikunu nqalgħu. B'hekk il-proċess ikun wieħed iktar trasparenti u *accountable*.

Illi għaldaqstant il-Bord huwa tal-fehma illi l-proċess ta' affissjoni fejn jirrigwarda l-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema ma kienx wieħed regolari u għaldaqstant iqis li l-proċess tan-notifika tar-rikors promutur lir-rikorrenti bħala wieħed null u bla effett.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet stante li dawn ġew rinunzjati u tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati stante li din diġa` ġiet deċiża, jichad l-eċċezzjonijiet rimanenti u jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna r-revoka tas-sentenza Tiegħu tal-4 ta' Diċembru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet "Martin Storasen u Disa Stigh vs. Audrienne Spiteri-Gonzi" (Rikors Numru 31/2019) u dan a tenur ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-raġuni li r-rikorrenti ma ġietx validament notifikata bir-rikors promutur u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża kif trid il-liġi.

Konsegwentement jordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawża wara li r-rikorrenti tiġi debitament notifikata skond il-liġi bl-att promotur.

Stante li l-intimati ma jaħtux għall-iżball li sar da parti tal-Amministrazzjoni tal-Qorti, l-ispejjeż s'issa nkorsi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

**KOMUNIKA: Reġistratur Tal-Qrati u Tribunali Ċivili**